

# Ġawhra Prezzjuża

**Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri A.D1893**

**Ġunju 2020 | #2**

## Mesaġġ mill-Kaxxier
### Alfred Micallef



Inħares lura lejn is-snin li għaddew u b'sodisfazzjoni ngħid li ċ-ċelebrazzjonijiet tal-125 anniversarju ta' din il-Banda kienu ta' suċċess kemm fl-attivitajiet kif ukoll fil-programmi li ġew organizzati. Dawn l-avvenimenti ġew fi tmiehom permezz tal-kantata fil-Knisja Kolleġjata ta' San Ġorġ Martri. Issa komplejna t-triq sabiex inkomplu nsebbħu s-sede tagħna. Ix-xogħol fil-każin baqa għaddej, tlestiet il-faċċata, ġew rinovati is-swali għalhekk kif wieħed jista' jimmaġina, l-ispejjeż ma naqqsux.

Għalkemm ma rridx ninsa lill benefatturi u lill voluntiera kollha li jagħtu daqqa t'id. Iżda, sabiex inkomplu ngħamlu dan, għandna bżonn l-għajnuna tagħkom is-soċi kemm finanzjarjament, volontarjament kif ukoll billi tipparteċipaw fl-attivitajiet li jiġu organizzati.

Minn qalbi nirringrazzja lil kull min diġa issieħeb fl-iskema tal-ġbir ta' fondi ta' kull xahar kif ukoll inħeġġeġ lil dawk li għadhom ma ssieħbux, sabiex huma wkoll jingħaqdu magħna biex inkomplu nsebbħu l-palazz tagħna u wara kollox, nerġgħu inkunu nistgħu niċċelebraw il-festa tal-patrun tagħna kif xieraq. Kull qatra tgħodd!

Viva San Ġorġ Martri.

| **Kontenut** | |
|---|---|
| Messaġġ mill-Kaxxier | 1 |
| Messaġġ mill-PRO | 2 |
| Proġetti | 2 |
| Sezzjoni Mużikali | 3 |
| Storja | 4 |
| Festa Virtwali 2020 | 6 |
| Poeżija | 7 |
| Ħsieb | 8 |

## Festa 2020

Fl-okkażjoni tal-festa ta' San Ġorġ Martri din is-sena l-Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri ser tkun qed tippreżenta programm b'differenza, programm virtwali. Żomm ruħhek aġġornat bl-aħħar filmati u ritratti mill-festi tas-snin li għaddew. Flimkien nerġgħu ngħixu il-memorji ta' Festa Kbira, flimkien nerġgħu nitħeġġu sabiex niċċelebraw festa grandjuża.



**#Impenn Mużikali**
**#BSĠ**
**#Werqisti**

## Mesaġġ mill-PRO
## Antoine G. Galdes



Għeżież Bandisti , Soċi u ammiraturi tal-Għaqda Mużikali għażiża tagħna, dan l-ewwel messaġġ uffiċjali tiegħi bħala PRO tal-Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri. Nibda billi nirringrazzja lil President is-Sur Charles Micallef illi wera' il-fiduċja tiegħu fija u afdali dan l-irwol importanti fil-Kumitat.

Ir-relazzjonijiet pubbliċi huma importanti ħafna u jekk ma' jkollokx l-għaqda għal qalbek ix-xogħol ma' jsirx mill-qalb. Kburi ngħid illi kienet din l-Għaqda illi ħabbitni l-ewwel qabel ħabbejta jien, illum saret parti minn ħajti. l-Irwol ta' PRO jitlob illi tkun persuna b'viżjoni ta' kif tista' tippromwovi l-għaqda bl-aħjar mod. Għalkemm ir-riżorsi huma ftit limitati xorta waħda l-ideat nippruvaw naħdmu fuqhom u nagħmluhom realta'.

Iċ-ċirkustanzi xejn mixtieqa tal-Covid 19 xekklet xi ftit il-ħidma f'dan il-qasam fosthom il-Publikazzjoni ċentrali tal-Festa illi kelli ix-xorti naħdem fuqha fil-publikazzjoni tas-sena 2019. Pero fil-qasam tal-'PR' jidħol dak li huwa virtwali bħal website tal-Għaqda u l-paġna tal-facebook, għal din il-ġimgħa għażiża tal-festa agħmilna programm ta' intervisti mal-membri tal-kumitat u rajna kif bl-aħjar mod li nistgħu, xorta waħda din il-ġimgħa għażiża għalina tkun waħda ta' festa.

Lil San Ġorġ noffru ħidmitna
f'din il-Għaqda Ġawhra tal-Qriema
b'ħarsitna lejn il-futur
din il-Banda Suċċessi tagħmelkull fejn tmur!

## Proġetti—Sala Nikola Montebello

Wieħed mill-proġetti li huwa għaddej fis-sede tal-Għaqda huwa dak tas–sala Nikola Montebello. Din is-sala qed tingħata libsa ġdida fejn bħalissa qed titkompla l-ħidma fuq id-dekorazzjoni. Proġett kofinanzjat mill-Malta Council for the Voluntary Sector taħt l-iskema VOPS.

VOPs

Malta Council for the VOLUNTARY SECTOR

## Mill-Passat






## Innu Marċ lill-Banda San Ġorġ Martri

Doqqu trombi u strumenti,
Paxxuna b'noti ħelwin.
Doqqu biex l-aħbar inxerrdu,
F'jum il-Festa tal-Qormin.

Mad-daqq tagħkom djarna nħallu,
Biex mal-Banda miġburin,
Nagħmlu briju u nifirħu,
Magħna nferrħu l-barranin.

Din il-banda popolari,
Ġol-irħula u l-ibliet.
Anke kienet l-ewwel banda,
Bandisti kellha tfajliet.

Din tal-Werqa Banda antika,
Għal pajjiżna kbir unur,
Bil-programmi u bil-marċi,
Kull fejn tmur tagħmel furur.

Viva l-Banda tagħna,
Magħha nifirħu lkoll,
Marċi għandha mill-isbaħ,
Kulħadd ilsienu jħoll.

Viva s-Surmast tagħha,
Li ħaqqu kull tifħir,
Programmi sbieħ, xi marċ ferrieħ,
Jagħtina wisq pjaċir.

Viva l-Banda tal-Werqa,
Bandisti ferm tajbin,
Is-soċi l'hena tagħhom,
Mal-Banda miġburin.

Viva San Ġorġ ta' Beltna,
Patrun bil-wisq antik,
Niċċelebraw, u nkantaw,
Il-Festa t-tajba ntik.

**Versi u Mużika:**
Kav. Abel J.Mizzi

## Diretturi Mużikali — Mro. Carmelo Abela Farrugia



Surmast ta' diversi baned fosthom La Vincitrice (Senglea), San Giorgio (Bormla), Vilhena (Floriana), San Andrea (Luqa), Melita (Naxxar) u Duke of Edinburgh (Birgu). Taħt it-treġija tiegħu il-banda għamlet passi ta' ġgant. Kien fi żmienu li l-Banda għamlet l-ewwel mawra tagħha barra minn xtutna, f'Reggio di Calabria (1895). Hu dam imexxi l-banda sal-bidu tas-sena 1897.

**Aqra iktar dwar is-Surmastrijiet Diretturi tal-Banda:**
https://www.bandasangorg.com/surmastrijiet-tal-banda

**Arkivju Mużikali:**
https://www.bandasangorg.com/arkivjumuzikali

## Ħiliet Mużikali









**Bandisti Ġodda**

Il-Banda San Ġorġ Martri tilqa fi ħdanha żewġ Bandisti ġodda li ħarġu jdoqqu fl-2019, Raquela Azzopardi u Antoine Cefai. Raquela bdiet iddoqq il-flute filwaqt li Antoine beda jdoqq fuq it-tanbur. Nawgurawlom kull suċċess.

**Anniversarji**

Il-President flimkien mal-Kumitat Amministrattiv jawguraw lill-Bandisti Simon Bezzina u Clint Higgans f'għeluq il-ħamsa u għoxrin sena anniversarju minn meta bdew idoqqu mal-Banda San Ġorġ.
Grazzi tas-servizz tagħkom.

## Il-familja Abela u l-Każin San Ġorġ Martri



L-istorja tal-għaqdiet bandistiċi hija mgħaġuna mill-azzjonijiet ta' numru ta' persuni. Il -parti kbira tal-istorja tkun frott il-ħidma tal-membri tagħha stess. Iżda, dejjem ikun hemm parti mill-istorja li tkun influwenzata minn persuni li ma jimmilitawx f'dik l-għaqda. L-istorja tal-Banda San Ġorġ Martri mhiex eċċezzjoni u fost dawk il-familji li influwenzaw l-istorja tal-Każin San Ġorġ insibu il-familja Abela.

### Andrea Abela u l-Ġimgħa Mqaddsa



Id-Dar ta' Andrea Abela

Andrea Abela kien benestant qormi li kien joqgħod fid-dar fejn li tiġi qrib l-istatwa ta' San Ġorġ li hemm fi Triq San Sebastjan. Lejn l-aħħar terz tas-seklu dsatax kien il-prokuratur tal-Ġimgħa l-Kbira. Kien fi żmien il-prokura tiegħu li l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ta' Ħal Qormi ħadet spinta 'l quddiem. Huwa kien stinka, sa anki ħallas minn butu[i], sabiex isiru numru ta' vari ġodda fosthom dawk tal-Ort, il-Marbut (l-antik), il-Veronika, ir-Redentur, San Ġwann u l-Madonna tal-Vara il-Kbira u ż-żieda ta' żewġ suldati mal-vara ta' Kristu Rxoxt. Il-purċissjoni kienet iżda mingħajr baned, għaliex fis-sena 1879, l-Isqof Qormi, Carmelo Scicluna kien ipprojbixxa is-sehem tal-baned fil-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira[ii]. Andrea Abela bħala prokuratur tal-Ġimgħa l-Kbira ħataf din l-opportunità sabiex jkompli jkabbar il-purċissjoni biż-żieda tal-baned. Issa ġara li f'dawk is-snin ukoll il-banda tal-lokal (*La Banda dei Curmini*) kienet fl-afja tal-mewt u mid-dehra kien ferm diffiċli li din terġa tibda tieħu sehem fil-festi qriema. Dan ma qatax qalb Abela. F'Ġunju tas-sena 1890, fil-*Casino Pinto*, każin imwaqqaf minnu f'Settembru tas-sena 1889[iii], waqqaf il-Banda Pinto, bl-ewwel surmast tagħha jkun il-furjaniż Giuseppe Portelli. Din il-Banda Pinto daqqet għall-ewwel darba fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira tas-sena 1891[v].

### Abela u l-Każini tal-Baned

F'Ottubru tas-sena 1893, fl-eqqel ta' kwistjoni politiko -reliġjuża, twaqqfet f'Ħal Qormi banda ġdida, il-Banda San Ġorġ Martri. Il-prokurauri tal-festi l-oħra warrbu lill banda ta' Abela u minflok stiednu lill Banda San Ġorġ. Abela, bħal propjetarju tal-Banda Pinto ma xtaqx iwarrab lill banda tiegħu izda wkoll ma setax ma jgħatix każ il-pressjoni mill-awtoritajiet ekkleżjastiċi biex jinkludi il-Banda San Ġorġ. Abela, minflok neħħa banda biex daħħal oħra, stieden liż-żewġ baned. B'hekk, għal-ewwel daba f'Malta il-purċissjoni ta' Ħal Qormi kienet bis-sehem ta' żewġ baned[vi]. Il-ħsieb ta' Andrea Abela kien li l-baned jalternaw. Is-sena ta' wara (1895) sabiex jikkonvinċi lill Banda San Ġorġ biex dik is-sena iddoqq quddiem l-Ort flok il-Vara l-Kbira, Abela offra lill Banda San Ġorġ sabiex hi tibda ddoqq fil-purċissjoni tal-Għid il-Kbir. Sehem il-Banda San Ġorġ fil-purċissjoni tal-Għid il-Kbir sar wieħed permanenti permezz tal-ordni tal-pulizija datata 30 ta' Mejju 1895[vii].

### Andrea Abela u l-banda taz-Zokk

Kien fis-sena 1906, fi ħdan il-każin inqalgħet kwistjoni dwar l-għażla ta' surmast ġdid. F'nofs din il-kwistjoni Andrea Abela keċċa lill dawk li ma qablux miegħu mil-każin[viii]. Fl-istess żmien, numru ta' bandisti u s-surmast Carabott, kienu infatmu mill-Banda San Ġorġ Martri u waqqfu banda ġdida bl-isem ta' Unione San Giorgio. Din il-banda l-ġdida inghaqdet mal-bandisti lejali lejn Abela, fosthom it-tifel t'Andrea, Paolo u ħu Andrea, Carmelo)[ix] u mxiet fil-Casino Pinto li tiegħu hi ħadet l -isem[x].

## Giorgio Abela


Giorgio Abela

Iben Andrea, kien joqgħod f'dar kbira fi Triq il-Vitorja fejn sa ftit taż-żmien ilu kien l-uffiċċju tal-Kunsil Lokali. Iben Andrea, bħal zijuh Carmelo u ħuh Paolo kien attiv fil-każin Pinto (taz-Zokk) u fis-sena 1911 insibuh bħala il-viċi President ta' dan il-Każin[xi]. Is-sena ta' wara, Andrea ħalla din id-dinja u f'seduta li saret nhar l-20 ta' Mejju 1912[xii], Giorgio kien maħtur bħala l-President tas-Soċjetà. Il-mewt ta' Andrea u tas-surmast Carabott (1914) kienu daqqa ta' ħarta kbira għal din il-banda. Id-daqqa mortali iżda waslet bis-sentenza tal-kawża bejn Abela u Muscat Azzopardi, li permezz ta' din is-sentenza (15.iv.1920), il-banda ta' Muscat Azzopardi (tal-Qalba) kien rikonoxxuta bħala il-vera banda Pinto[xiii]. Wara is-sentenza tal-15 t'April 1920, seħħet għaqda bejn il-każin taz-Zokk u l-każin tal-Banda San Ġorġ Martri. Din il-fużjoni ġabet taqlib kbir fi ħdan il -Banda San Ġorġ, fosthom il-bdil tas-Surmast Montebello. Fis-sena 1928, Giorgio Abela kien maħtur Viċi President tas-soċjetà[xiv].

## L-Irvellijiet tas-Sette Giugnio

Fis-sena 1919, f'Malta kien hawn irvellijiet kbar li baqgħu magħrufa bħala s-Sette Giugno. Dawn l-irvellijiet kienu nfirxu wkoll f'diversi irħula, fosthom f'Ħal Qormi[xv]. Fost id-djar attakkati kien hemm dik ta' Giorgio Abela, magħruf bħala ta' Felicia, li kien importatur u kellu wkoll ħanut tal-merċa. Skont Frans Cassar[xvii], l-attak fuq id-dar ta' Giorgio Abela, ma kienx biss instigat mil-ġuħ li kien hawn fil-pajjiż, iżda kellu wkoll rabta mal-kwistjoni bejn il-baned Pinto, kwistjoni li fiha Giorgio kien imdaħħal b'ruħu w ġismu bħala l-president ta' waħda mill-baned Pinto. Interessanti l-fatt li fost il-persuni imressqa l-qorti akkużati bl-attakk fuq id-dar tal-familja Abela, insibu lin-neputi ta' Manwel Farrugia, eks president tas-Soċjetà u rappreżentant tal-Banda San Ġorġ fl-Assemblea Nazzjonali.

**Joseph A. Bugeja**

---

[i] AAM Suppliche, Supplika 199 datata 15.iii.1895
[ii] Bonnici Alexander, Daħla għal ktieb *Il-Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira f'Malta u Għawdex*, 6,
[iii] *Ibid*
[iv] *Il-Ħabbar Cattolicu,* 10.iv.1891
[v] *Il-Ħabbar Cattolicu,* 10.iv.1891 u 29.vii.1891
[vi] Bonnici Brian, Il-Ġimgħa l-Kbira f'Malta, 152
[vii] *La Gazztta di Malta*, 6.vi.1895
[viii] Schiovone: *L-istorja tal-każini tal-Baned*, Peresso V. – *Il-Banda Pinto*
[ix] AQM, Kawża A117, xhieda ta' Giuseppe Formosa, 12.ii.1909
[x] Ibid.
[xi] AQM, Andrea Abela noe ed vs Giuseppe Muscat Azzopardi noe ed, 13.xi.1911
[xii] Ibid. Fol 102
[xiii] *Leħen il-Belt Pinto*, Ħarġa Jannar-Frar 1956, *il-Banda Pinto Biċċa Storja.*
[xiv] ANV, Atti tan-Nutar Frendo Randon, 1928
[xv] Malta, 1.ix.1919 seduta tal-kummisjoni ta' inkjesta.
[xvi] NAM Pol 2, Qormi Occorrenze, Nru 138, 10.vi.1919
[xvii] Cassar Oliver, L-Irvell ta' mitt sena ilu, inkluż f'Ħal Qormi, Program Festa San Sebastjan

## Festa Virtwali 2020



## Qalb Werqista, Tbaħħar fil-Maltemp

Qatt ma ħlomna li ser tiġri
f'kemm minn fuqna gerrbu snin
li mill-festa tal-kbir Ġorġi
konna se nkunu mċaħħdin.

Daqqa ta' stallett għalina
li fil-fond infiltrat sew
hekk kif fost miżuri mħabbra
il-festa kellna ninsew.

Iżda l-polz hemm baqa' jħabbat
bla waqfien u bla serħan
ix-xogħol baq' għaddej bla heda
f'dik id-dar ta' kull Ġorġjan.

Għalkemm fil-limitu tiegħu
dak pjanat tlesta fil-ħin
kulħadd ġibed ħabel wieħed,
dejjem bżajna għal xulxin.

Wasal jum il-Għid ta' Ġorġi
wisq għażiż għalih għatxan
li bil-ħerqa, tant mistenni
huwa mnaqqax f'kull Ġorġjan.

Le ħallejna dal-jum jgħaddi
bħal oħrajn itir mar-riħ
mill-palazz illi fih jgħammar
fil-festa tiegħu ħriġnieh.

Dawwarnieh mat-toroq tagħna
b'entużjażmu ġie milqugħ
mit-twieqi u l-gallariji
in-nies ħarġu igawduh.

Ma naqasx quddiem xbiehetu
nieqfu għall-mument ta' talb,
nitolbuh sabiex f'dis-siegħa
lilna jgħin biex nagħmlu l-qalb.

U b'kuraġġ Ġorġi jimlina
waqt li jseddaq ħilitna
nistennew fest' oħra tasal
bih noħorġu b'saħħitna.

Dawn ġrajjiet li jagħtu xhieda
t' imħabbitna għall-patrun
dawn kollha huma possibli
għax Werqist fervent trid tkun.

**Saviour (Silvio) Bianchi**

## Memorji mill-Festa














## Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri A.D 1893

59, Triq il-Kbira, Ħal Qormi
21441801
bandasangorg@live.com
www.bandasangorg.com

Żomm ruħhek aġġornat billi żżur il-paġna ta' Facebook u ta' Instagram. Tista' tagħmel kuntatt magħna ukoll permezz tal-email jew billi tibgħat messaġġ privat fuq il-paġni tal-midja soċjali.

Sabiex tkun taf aktar dwar l-istorja tal-Għaqda żur is-sit uffiċjali tagħna.




Editur
Rosalie Grech

Tagħrif
Joseph A. Bugeja

Ritratti
Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri
Antoine G. Galdes
Marco Aquilina
Clayton Grech
Catriel Farrugia

## Ħsieb Qasir

Hemm fis-Swali tal-Palazz tilmaħ lilek qalbien,
tiġġieled mal-kefrija żgħażugħ qatt tellief.
Quddiem dan il-mument fejn fuq saħħitna it-tgħeddida,
idħol għalina quddiem Alla u aqtalna xewqitna.

L-għożża tagħna tibqa' għal dejjem ta' din Beltna,
Kbir Missier, l-hena tagħna int f'kull saram.
F'din is-siegħa insejjħulek u talbitna inpoġġulek
San Ġorġ f'qalbna għal din tal-Werqa il-Kbira Banda.

